MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Appell Civili Numru. 1406/2002/1

**Catherine Mifsud, fil-kwalita` taghha ta' kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti li kienet tezisti bejnha u bejn zewgha George Mifsud, illum mejjet u Michelle Barbara, Rose Anne Buhagiar u Raymond Mifsud fil-kwalita` taghhom ta' eredi ta' missierhom l-imsemmi George Mifsud**

**v.**

**HSBC Life Assurance (Malta) Limited gia` Mid-Med Life Assurance Company Limited**

**Il-Qorti:**

**I. PRELIMINARI**

1. Dan huwa appell maghmul mill-atturi, minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Novembru, 2005. F’din il-kawza l-atturi, bhala l-eredi ta’ George Mifsud, qeghdin jitolbu l-hlas mis-socjeta` konvenuta a bazi ta’ tlett poloz ta’ assikurazzjoni li kienu mahruga mis-socjeta` appellata HSBC Life Assurance (Malta) Limited a favur id-defunt George Mifsud.
2. Is-sentenza appellata hija din:
**"Il-Qorti;**

"Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fid-9 ta’ Dicembru 2002, li permezz taghha l-atturi ppremettew:

"Illi l-attrici kienet mizzewga lil George Mifsud li miet fit-8 ta’ Dicembru, 1999.

"Illi bejn l-attrici u zewgha kienet tesisti l-komunjoni ta’ l-akkwisti.

"Illi l-werrieta ta l-imsemmi George Mifsud huma t-tlett ulied tieghu u ta’ l-attrici u cioe` t-tlett atturi l-ohra Michelle Barbara, Rose Ann Buhagiar u Raymond Mifsud.

"Illi George Mifsud kien ihallas tlett poloz ta’ assikurazzjoni fuq hajtu mas-socjeta` konvenuta, u cioe` (a) polza tat-tip ‘Loan protector-Decreasing Term’ li ggib in-numru 300-000070, ghas-somma ta’ Lm20,000 li fi zmien il-mewt ta’ l-istess George Mifsud kienet naqset ghas-somma la’ Lm15,840, (b) polza tat-tip ‘Personal Protector - Level sum assured’ li ggib in-numru 200-000697 ghas-somma ta’ Lm20,000 u (c) polza tat-tip ‘Personal Protector – Level sum assured’ li ggib in-numru 200-002120 ghas-somma ta’ Lm46,000, kopja ta’ liema poloz flimkien mal-’proposal forms’ relattivi qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok A sa Dok C rispettivament.

"Illi nonostante l-fatt illi s-socjeta’ konvenuta giet interpellata mill-atturi sabiex tonora l-obbligi taghha naxxenti minn dawn it-tlett poloz ta’ assigurazzioni u thallashom is-somma komplessiva ta’ wiehed u tmenin elf,

tmien mija u erbghin lira (Lm81,840) hija qieghda tirrifjuta milli thallas u dan minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

"Ghalhekk titlobu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

"1. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija debitrici favur l-atturi a bazi tal-polza ta' assikurazzjoni bin-numru 300-000070 u konsegwentement tikkundannha thallas lill-atturi s-somma ta' Lml5,840 dovuta lilhom a bazi ta' tali polza;

"2. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija debitrici favur l-atturi a bazi tal-polza ta' assikurazzjoni bin-numru 200-000697 u konsegwentement tikkundannha thallas lill-atturi s-somma ta' Lm20,000 dovuti lilhom lilhom a bazi ta' tali polza.

"3. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija debitrici favur l-atturi a bazi tal-polza ta' assikurazzjoni bin-numru 200-002120 u konsegwentement tikkundannha thallas lill-atturi s-somma ta' Lm46,000 dovuti a bazi ta' tali polza.

"Bl-ispejjez u bl-imghax legali mit-8 ta' Dicembru 1999, sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta r-rapprezentanti taghha f'proceduri gudizzjarji huma minn issa ingunti in subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata fit-28 ta' Frar, 2003 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepixxiet:

"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi ma hu dovut ebda ammont lill-atturi taht il-poloz ta' assikurazzjoni minnhom citati billi l-istess poloz ta' assikurazzjoni huma nulli u bla effett billi l-mejjet George Mifsud heba fatti materjali u sostanzjali u/jew irrappresenta fatti li kienu foloz fil-'proposal forms' kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-mejjet George Mifsud kiser wahda mill-principji fondamentali fil-kam tal-assigurazzjoni, dak tal-'*uberrimae fidei*' u b'hekk is-socjeta` konvenuta mhijiex tenuta taghmel pagament.

"3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

"Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta mahlufa minn Patrick Vella, I.D 361760(M) u l-lista tax-xhieda.

"Rat l-atti processwali.

"Semghet ix-xhieda tal-Prokuratur Legali Jonathan De Maria.

"Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Gunju 2005, illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

"Rat in-noti ta' l-osservazzonjiet.

"Ikkunsidrat;

"Illi din il-kawza rrizultat minn sitwazzjoni tragika fis-sens li l-atturi qed jitolbu l-hlas a bazi tal-polza ta' assikurazzjoni li kienet harget is-socjeta` konvenuta a favur ta' George Mifsud, missier il-konvenuti *eccetto* ta' l-attrici Katherine Mifsud li hija l-armla tieghu. Is-socjeta' konvenuta qed tirrifjuta li thallas minhabba li qed issostni li l-mejjet George Mifsud naqas li jaghtiha informazzjoni materjali dwar sahhtu.

"Il-kronologija ta' kif sehhew l-affarijiet hija importanti ghas-soluzzjoni ta' din il-kawza. L-imsemmi Mifsud kien ghamel talba biex jigi assikurat fuq hajtu fit-18 ta' Marzu 1997, u fil-fatt inhargu zewg poloz b'effett mil-25 ta' Marzu, 1997 bl-accettazjoni tal-konvenuti tasal fit-2 ta' Mejju, 1997. F'Ottubru 1998 intalab il-hrug ta' polza ohra izda kif jirrimarkaw il-konvenuti fin-nota taghhom ma saret ebda accettazzjoni jew ghal inqas ma saret ebda prova f'dan is-sens. Mifsud miet f'Dicembru 1999 b'kancer.

"Il-kwistjoni nqalghet meta saret it-talba ghall-hlas ghaliex il-konvenuti bdew indagaw u wara li gew osservati certi proceduri fis-sens li ttiehed il-kunsens ta' l-atturi huma saru jafu li Mifsud kien beda jhoss certi sintomi fil-bidu tas-sena 1997 u fil-fatt f'April 1997 kien gie operat fil-kilwa fir-Royal Marsden Hospital ta' Londra u certament f'Marzu 1997 kien gie ezaminat minn Mr. Alex Attard li kien skonsilja operazzjoni lill-atturi ghax hass li l-pazjent tieghu xorta kien se jmut bil-marda. L-operazzjoni saret fit-13 ta' April, 1997. Mid-dokumenti ta' l-isptar jirrizulta car li dakinhar Mifsud kellu kancer u illi dan gie operat fuqu. Ghall-ewwel it-tobba kien ottimisti dwar kif kien qed jirpilja.

"Il-punt krucjali huwa li meta Mifsud mela (jew irrisponda ghad-domandi kontenuti fiha) l-*proposal form* huwa ma semma' xejn dwar il-fatt illi kien mar ghand it-tobba f'dawk il-granet stess biex jigi ezaminat. L-atturi jaghmlu hafna enfasi fuq il-fatt illi Mifsud kien illitterat u fuq il-fatt li huwa ma kienx jaf li kellu kancer u kienu jafu b'dan huma u qatt ma qalulu.

"Fuq l-ewwel punt ghalkemm ma hemm ebda dubbju li Mifsud kien limitat fejn jirrigwardja livell ta' edukazzjoni formali, il-Qorti thoss li meta mtliet il-formola huwa kien jaf x'kien qed jirrispondi. Fil-fatt fil-parti mhollija ghal jekk huwa jixrobx alkohol hemm indikat illi huwa jixrob tazza inbid kuljum. Ghall-mistoqsijiet l-ohra pero` irrisponda dejjem le, hlief jekk kienx f'sahhtu.

"Il-Qorti tifhem li f'dak il-perjodu Mifsud ma kellux idea li seta' kellu marda serja izda l-fatt huwa li ma rrispondiex b'mod veritjier meta qal li ma kienx qed jircievi attenzjoni medika specjali. X'aktarx sa dak iz-zmien huwa kien gia` ikkonsulta ma' Mr. Alex Attard li mill-ewwel issuspetta li kellu xi haga serja ghalkemm ikkonferma li qal b'dan lil uliedu u mhux lilu. F'kull kaz il-konvenuti ghandhom ragun jilmentaw illi jekk meta saret il-*proposal form* Mifsud ma kienx jaf li t-*tests* li kienu qed isirulu kienu ser jirrizultaw f'xi haga serja, certament kellu l-obbligu li meta rcieva l-accettazzjoni kien jigbed l-attenzjoni taghhom illi minn dakinhar huwa gie operat barra minn Malta. Anke bniedem ta' livell modest ta' edukazzjoni jifhem li

operazzjoni li ssir barra minn Malta hija ta’ certa serjeta` iktar minn normal. Jista’ jaghti l-kaz, anzi l-Qorti ghandha tghid li dan kien il-kaz, illi Mifsud ma kienx jaf li kellu jaghmel dan izda dan ma jnaqqasx mill-fatt li certament is-socjeta` konvenuta kienet ghall-inqas tissottomettih ghal *tests* iktar stretti dwar sahhtu qabel tassikurah.

"Jekk hemm xi dubbju dwar l-ewwel zewg poloz ma jezistu ebda dubbju rigward l-ohra ghaliex sa dak iz-zmien is-sitwazzjoni kienet aggravat; fil-fatt sakemm saru l-proceduri kollha Mifsud lahaq miet u din ma gietx formalment accetata. Ghalhekk certament fir-rigward tat-tielet polza it-talba ta' l-atturi ma hija bl-ebda mod gustifikata. Infatti gie ritenut fil-kawza Sciberras vs Middle Sea Valletta (18 ta’ Frar, 2004 Prim’Awla) illi *sakemm is-socjeta` assikurattrici ma tissenjalax l-accettazzjoni taghha ma jistax ragonevolment jinghad illi jezisti kuntratt vinkolanti ta’ assikurazzjoni. Huwa ntuwittiv ukoll illi sakemm l-assikuratur ikun ghadu jikkonduci l-ezami tieghu tat-taghrif moghti l-proposal form huwa jkun qed jizen in-natura tar-riskju li jkun fi hsiebu jassigura in kwantu dan certament jinfluwixxi fuq id-decizjoni li jrid jasal ghaliha ghall-firmazzjoni tal-kuntratt.*

"Fuq il-kwistjoni li Mifsud ma kienx jaf bil-marda, il-gurisprudenza indikata mill-konvenuti hija konvincenti, fis-sens li l-fatt li l-assikurat ma jkunx jaf li jkollu marda serja li twasslu ghall-mewt ma jfissirx li s-socjeta` assikuratrici hija tenuta li thallas mall-mewt tieghu jekk jigi stabbilit li huwa kien gia` marid meta bdiet issehh il-polza. Il-Qorti taqbel ma’ l-atturi li jekk il-fatt mhux mgharraf lis-socjeta` assikurattrici ma jkunx determinanti din ma tistax tahrab mir-responsabbiltajiet taghha izda mhux f’kaz bhal dan fejn id-dati li fiha saret l-applikazzjoni huma prattikament identici ghall-bidu tat-terapija li beda jiehu Mifsud. Fil-kors tal-provi anke ssemmiet id-data ta’ Dicembru 1996 fejn jista’ jaghti l-kaz li Mifsud kien gia` beda jara t-tobba. Hu x’inhu, l-atturi jekk mhux l-assikurat kien jafu f’Marzu 1997 li dan kellu marda serja u l-Qorti tqis li Mifsud kien messu informa lill-impjegati tal-konvenuti illi kien qed jigi investigat ghal dak li kellu anke jekk huwa kien jemmen li dan kien jista’ jigi mfejjaq. Bizzejjed wiehed jghid illi

gurnata qabel saret il-*proposal form* Dr. Buhagiar issuggerixxa li jsir CT Scans *urgentement*.

"Kif intqal fil-kawza deciza mill-Qrati Inglizi, Carter vs Boehm, *good faith forbids either party by concealing what he privately knows, to draw the other into a bargain from his ignorance of that fact and his belief in the contrary. The reason of the rule which obliges parties to disclose is to prevent fraud and to encourage good faith. It is adapted to such facts as vary the nature of the contract which one privately knows and the other is ignorant of and has no reason to suspect.* Fir-rigward tal-konoxxenza ta' l-assikurat tal-mard li jkollhu, a skans ta' ripetizzjoni il-Qorti ser tirreferi biss ghal bran citat mill-konvenuti minn Birds' Modern Insurance Law fejn intqal illi *Innocent non disclosure is as actionable as negligent non-disclosure or concealment.* Ghalhekk kollox ma' kollox il-Qorti ma thossx li ghandha tilqa' t-talbiet attrici.

**"Ghaldaqstant il-Qorti fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talbiet attrici; l-ispejjes minhabba c-cirkostanzi tal-kaz ikunu bla taxxa."**

## II. L-APPELL

3. L-atturi appellanti hassewhom aggravati b'din is-sentenza u ghalhekk appellaw minnha b'rikorsipprezentat fit-2 ta' Dicembru, 2005. Is-sostanza ta' l-appell ta' l-atturi appellanti tikkonsisti principalment fl-allegazzjoni illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-provi migbura quddiemha meta kkonkludiet illi d-defunt George Mifsud heba fatti materjali u sostanzjali dwar il-kundizzjoni ta' sahhtu u/jew irrapprezenta fatti foloz fil-*proposal forms,* u b'hekk kiser il-principju ta' *uberrimae fidei*. L-atturi appellanti sostnew illi George Mifsud ma heba l-ebda fatt materjali u lanqas ma ta xi fatti foloz meta huwa mela l-*proposal forms.* Komplew jargumentaw illi anke fl-ipotesi li d-defunt George Mifsud kien fir-realta` heba fatti materjali u sostanzjali jew irrapprezenta fatti li kienu foloz jew kiser il-principju ta' *uberrimae fidei*, xorta wahda s-socjeta` konvenuta kienet irrinunzjat ghal kull dritt li teccepixxi in-nullita` ta' l-ewwel zewg poloz, kemm ghaliex

hija naqset milli tikkancella l-poloz fi zmien ragjonevoli minn mindu saret taf b'dawn il-fatti materjali u kemm ukoll peress illi kienet accettat il-*premia* mhallsa fir-rigward ta' dawn iz-zewg poloz ta' assigurazzjoni. Dwar it-tielet polza, l-atturi sostnew illi s-socjeta` konvenuta kienet edotta mill-fatti materjali relattivi qabel il-hrug tal-polza u dan wara li kien sar ezami mediku fuq id-defunt George Mifsud. Tant hu hekk li kien gie kkalkolat *loading* fuq il-fatt illi d-defunt kellu kilwa mnehhija. Illi fir-rigward ta' din il-polza l-atturi appellanti sostnew ukoll illi s-socjeta` konvenuta ma eccepitx, b'mod formali fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha, illi din il-polza ma kenitx dahlet fis-sehh u ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx tiddeciedi dwar din il-materja. Apparti minn hekk, l-atturi sostnew illi t-tielet polza kienet effettivament dahlet fis-sehh meta s-socjeta` konvenuta kienet accettat il-hlas tal-*premium*. Ghalhekk, l-appellanti talbu lil din l-Qorti li joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Novembru 2005, u filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta tilqa' it-talbiet ta' l-atturi appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.

4. Fil-11 ta' Jannar 2006, is-socjeta` konvenuta rrispondiet ghal dan l-appell, u ghar-ragunijiet imfissra f'din ir-risposta, sostniet illi s-sentenza ta' l-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-aggravji mressqa ghandhom jigu michuda.

## III. <u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>

### <u>Il-fatti saljenti li wasslu ghall-kawza</u>

5. George Mifsud, missier l-atturi Michelle Barbara, Rose Ann Buhagiar u Raymond Mifsud u zewg l-attrici Catherine Mifsud, kien mela zewg *proposal forms* fit-18 ta' Marzu 1997, u sussegwentement inhargu z-zewg poloz ta' assigurazzjoni msemmija fl-att tac-citazzjoni, mis-socjeta` konvenuta, issa appellata. Il-poloz kienu b'effett mill-25 ta' Marzu 1997, skond l-accettazzjoni bil-miktub tas-socjeta` konvenuta moghtija fit-2 ta' Mejju, 1997. Id-defunt George Mifsud kien iffirma *proposal form* ohra fl-1 ta' Ottubru 1998, pero` ghalkemm thallas l-ewwel *premium* fit-30 ta' Ottubru 1999, sad-data tal-mewt tieghu ma saret l-ebda accettazzjoni bil-miktub min-naha tas-

socjeta` konvenuta appellata, ghal hrug ta’ din il-polza. L-ewwel polza ta’ assikurazzjoni kienet tat-tip “*Loan Protector-Decreasing Term*” li kienet iggib in-numru 300 – 000070, waqt li t-tieni polza kienet tat-tip “*Personal Protector – Level Sum Assured*” u kienet iggib in-numru 200-000697. It-tielet polza kienet tat-tip “*Personal Protector – Level Sum Assured*” u kellha n-numru 200-002120. Kopji tad-dokumenti msemmija jinsabu esebiti a fol. 6 sa 36 tal-process.

George Mifsud miet fit-8 ta’ Dicembru 1999, bhala rizultat ta’ marda terminali u l-eredi tieghu, appellanti f’din il-kawza, talbu lis-socjeta` konvenuta l-hlas fuq it-tlett poloz hawn fuq deskritti, liema talba giet michuda fuq il-bazi li meta l-imsemmi George Mifsud kien mela l-“*proposal forms*” huwa naqas milli jaghti informazzjoni korretta dwar il-kundizzjoni ta’ sahhtu. Irrizulta minn investigazzjonijiet illi ghamlet is-socjeta` appellata, wara l-mewt ta' l-imsemmi George Mifsud, illi l-istess George Mifsud kien ghamel operazzjoni fir-Royal Marsden Hospital, gewwa l-Ingilterra, fit-30 ta’ April 1997, u irrizulta wkoll illi xahar qabel, u cjoe` fil-periodju illi huwa kien mela l-ewwel “proposal form” f’Marzu 1997 huwa kien ghamel CT Scan u ghalhekk is-socjeta` appellata kkonkludiet illi sabiex George Mifsud kien wasal sabiex jaghmel CT Scan huwa kien bilfors, qabel dan il-perijodu, ghamel testijiet medici. Ghalhekk, fuq il-bazi li l-mejjet George Mifsud heba fatti materjali u/jew irrapprezenta fatti li kienu foloz fil-*proposal forms,* it-talba ta' l-eredi ghall-hlas giet rifjutata mis-socjeta` assikuratrici appellata. Kif rajna, din id-difiza tas-socjeta` konvenuta giet milqugha mill-ewwel Qorti, li cahdet it-talbiet ta' l-atturi.

**L-aggravji ta' l-atturi appellanti**

6. L-appellanti jsemmu principalment zewg aggravji, li fuqhom jibbazaw is-sottomissjonijiet taghhom li l-ewwel Qorti waslet ghal decizjoni zbaljata. Huma jishqu illi d-defunt George Mifsud bl-ebda mod ma heba fatti materjali u sostanzjali u/jew ghamel rapprezentazzjonijiet ta’ fatti foloz fil-*proposal forms* jew kiser il-principju tal-*uberrimae fidei.* In oltre l-appellanti jsostnu illi anke li kieku dan sehh, xorta wahda kien jirrizulta li s-socjeta` konvenuta

rrinunzjat ghad-dritt taghha li tikkancella l-imsemmija poloz fi zmien ragjonevoli minn mindu saret taf bil-fatti veri billi kompliet taccetta l-*premia*. Ulterjorment, l-appellanti, jilmentaw dwar il-fatt illi l-ewwel Qorti zbaljat meta dahhlet fil-kwistjoni dwar jekk it-tielet polza kienetx dahhlet fis-sehh o meno, meta s-socjeta` konvenuta naqset milli teccepixxi formalment, fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha, n-nullita` tat-tielet polza minhabba nuqqas ta' accettazjoni min-naha taghha.

7. Huwa pacifiku illi l-mili tal-*proposal form* hu preordinat ghall-effettwazzjoni tal-kuntratt ta' l-assigurazzjoni. Dan hu manifestament car kemm fid-duttrina Ingliza kif ukoll dik kontinentali fuq is-suggett. Hekk **Ivamy** (General Principles of Insurance, 4th Edition , 1979 pagna 107 **) u Margo** (Aviation Insurance 1st Edition 1980 pagna 44) jispjegaw illi:
*"the proposal form when completed and signed by the prospective insured and lodged with the insurer by whom it has been supplied constitutes an offer to the insurer to effect a contract of insurance. This proposal indicates the basis upon which the proposer is prepared to contract and it is up to the insurer to decide whether to provide cover and if so, at what premium."*

8. Illi fl-ewwel aggravju taghhom, l-atturi appellanti qeghdin isostnu illi d-defunt George Mifsud, meta mela l-ewwel zewg *proposal forms,* ma heba l-ebda fatti materjali u sostanzjali. Lanqas ma indika fatti foloz dwar il-kundizzjoni ta' sahhtu. L-atturi jghidu illi meta l-imsemmi George Mifsud, fit-18 ta' Marzu 1997, mela l-*proposal forms* huwa ma kellux l-icken idea li kien qieghed ibati minn marda terminali u li l-fatt biss li kellu s-soghla u li kien ghamel testijiet tad-demm ma jwassalx ghall-habi ta' fatti materjali. Illi min-naha l-ohra s-socjeta` konvenuta appellata fir-risposta ta' l-appell taghha, f'pagna 11, issostni illi "anke jekk in-*non disclosure* ta' fatti materjali issehh b'mod innocenti, xorta wahda dan iwassal ghal ksur tal-principju ta' *uberimma fidei* u ghan-nullita' tal-polza" u tikkwota gurisprudenza f'dan is-sens.

9. Illi dina l-Qorti tinnota illi mit-tlett *proposal forms* esebiti fil-process, b'referenza specifika ghad-domanda numru 13 (ara fol. 7 u 15) u ghad-domanda numru 15 (ara fol. 24) li kienet "*During the last 5 years has any medical or surgical attention or advice for any illness, condition or injury been received*?" d-defunt George Mifsud kien irrisponda fin-negattiv u dan meta mill-provi prodotti rrizulta b'mod car illi huwa f'dak il-perijodu ta' qabel ma mela l-*proposal forms,* kien qieghed jaghmel testijiet medici u kien qieghed taht l-kura tat-tobba tieghu. Illi in fatti, mix-xhieda ta' Mario Fenech, Assistant Manager tas-socjeta` konvenuta, prodott mill-atturi fis-seduta tas-26 ta' Awissu 2003, (a fol. 73 tal-process) jirrizulta illi meta s-socjeta` konvenuta bdiet taghmel l-investigazzjonijiet taghha, ossija wara l-mewt ta' George Mifsud, irrizulta illi f'April 1997 l-imsemmi George Mifsud kien ghamel operazzjoni fir-Royal Marsden Hospital gewwa l-Ingilterra, u xahar qabel u cjoe` f' Marzu 1997, meta mtliet l-"*proposal form*" huwa kien ghamel CT Scan hawn Malta u ghalhekk is-socjeta` konvenuta kkonkludiet illi fiz-zmien illi kienet imtliet l-ewwel *proposal form*, u cjoe` fit-18 ta' Marzu 1997, bilfors illi George Mifsud kien issottometta ruhu ghal testijiet medici li wasluh sabiex sussegwentement huwa jaghmel CT scan.

10. Mix-xhieda moghtija quddiem l-Assistenta Gudizzjara fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2003, mit-tabib Dr. John Buhagiar, li kien it-tabib inkarigat mis-socjeta` konvenuta sabiex jezamina lil George Mifsud, irrizulta li mir-*records* ta' l-isptar, ossija minn rapport tar-Radiology Department datat is-27 ta' April 1998, illi sena qabel, l-imsemmi George Mifsud kien ipprezenta ruhu l-isptar b'ugiegh ta' zaqq u kien qieghed jonqos fil-piz u kien ghamel CT scan "*li kien ta indikazzjoni li kien hemm massa fil-kilwa u li kien qed teffetwa wkoll il-fwied.*"

11. Dina l-Qorti thoss illi mix-xhieda moghtija minn **Dr. Gerald Buhagiar** (*affidavit* li jinsab a fol. 173 tal-process li bih ikkonferma c-certifikat mediku esebit a fol. 174 tal-process) johorgu fatturi importanti dwar id-determinazzjoni jekk id-defunt qabel ma mela l-ewwel zewg *proposal forms* kienx qieghed jiehu kura medika. Dr. Gerald Buhagiar xehed illi it-testijiet tad-demm bdew fl-24 ta'

Dicembru 1996, meta irrizulta "*abnormal liver function tests and a remarkable raised ESR together with a mild anaemia*". Xehed ukoll illi "*he was also noted to be diabetic*." Sussegwentment id-defunt George Mifsud rega' ghamel testijiet tad-demm ohra fis-7 ta' Jannar 1997, u t-testijiet baqghu hziena u ghalhekk huwa kien ippreskriva li jitkompla l-kors ta' antibiotici. It-testijiet tad-demm regghu saru fil-11 ta' Marzu 1997, u, a bazi taghhom, ix-xhud issuggerixxa li jsir CT Scan urgenti. Dan is-CT Scan eventwalment sar fis-26 ta' Marzu 1997, u minnu rrizulta illi kien hemm "*presence of an abdominal mass in the kidney, also affecting the abdominal large vessels and the liver*." Dan ix-xhud, in kontro-ezami, (ara fol. 229 *et seq*.) jikkonferma illi huwa kien informa lid-defunt George Mifsud li r-rizultati tad-demm ma kenux tajbin. Ix-xhud stqarr li Mifsud dejjem kien imur ghandu mal-mara tieghu "u fejn ma' kienx jifhem hu kont nispjega lilha". L-istess xhud iddikjara specifikatament hekk:
"Wara t-tielet sett ta' testijiet tad-demm kont ghidtlu biex jaghmel is-CT Scan. Fl-24 ta' Dicembru 1996, saru l-ewwel sett ta' testijiet. Fis-7 ta' Jannar 1997, saru t-tieni sett ta' testijiet. Konna stennejna erba' jew sitt gimghat u fil-11 ta' Marzu 1997, saru t-tielet sett ta' testijiet. Hemmhekk tlabt urgent CT Scan peress illi r-rizultati ma kenux tajbin. Ir-rizultati damu xi gimgha biex hargu u jien informajtu li jaghmel CT Scan fis-17 ta' Marzu, 1997. Jiena din kont irrangajtlu ma' Prof. Crockford l-isptar biex isirlu urgentement."

Illi certament is-sottomissjoni ta' l-atturi appellanti illi d-defunt George Mifsud ma kienx konxju ta' l-istat ta' sahha tieghu ma' tidher xejn attendibbli tenut kont ta' l-imsemmija xhieda moghtija mit-tabib Dr. Gerald Buhagiar. Ghandu jigi notat illi l-ghada ta' meta Mifsud gie informat li kellu jaghmel is-CT Scan, Mifsud mela z-zewg *proposal forms* in kwistjoni (cioe` fit-18 ta' Marzu, 1997).

12. Illi mill-provi prodotti jirrizulta b'mod car illi meta George Mifsud mela t-tielet *proposal form* fl-1 ta' Ottubru 1998 huwa bilfors kien konxju tal-problemi ta' sahhtu u dan wara li kien ghamel operazzjoni fit-30 ta' April 1997, gewwa ir-Royal Marsden Hospital fl-Ingilterra biex

titnehhielu kilwa u kien qieghed jiehu l-kura fir-Radiotherapy department gewwa l-isptar San Luqa. Izda xorta wahda, meta gie mistoqsi dwar jekk kienx qed ibati minn xi kundizzjoni medika jew kienx qieghed jiehu terapija, id-defunt Mifsud jirrispondi fin-negattiv (ara fol. 24). Mix-xhieda moghtija minn **Dr. Mario Grixti** ( a fol. 162-163 tal-process), illi kien qieghed jikkurah minn wara l-operazzjoni li kellu l-Ingilterra sad-data tal-mewt tieghu, jirrizulta sodisfacentement illi, fuq parir tar-Royal Marsden Hospital, il-familjari kienu iddecidew illi ma jghidulux illi kellu l-marda terminali. Madanakollu jirrizulta wkoll mill-istess xhieda ta' Dr Grixti li: "*George Mifsud kien jahseb u jghid li kellu marda serja fil-kilwa li gie operat ghaliha u li ghandu issa bzonn kura medika biex tikkumplimenta l-kirurgija li saritlu u din il-marda ser tiehu it-tul*." Minn din ix-xhieda jirrizulta minghajr ombra ta' dubbju li meta George Mifsud mela t-tielet *proposal form,* huwa heba fatti materjali u sostanzjali dwar il-kundizzjoni ta' sahhtu.

13. Dina l-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tindaga fuq il-kwistjoni jekk fir-realta` fil-mument li mela *l-proposal forms,* George Mifsud kienx konxju jew le tas-serjeta` tal-kundizzjoni medika tieghu stante li d-domandi fil-*proposal forms* ma kienux specifikatament jirreferu jekk id-defunt Mifsud kellux xi kundizzjoni serja jew terminali o meno, izda kienu semplicement isaqsu jekk kienx qieghed jircievi kura medika jew jekk kellux kundizzjoni medika.

14. Illi dwar l-fatt li l-atturi appellanti qeghdin isostnu illi George Mifsud kien bniedem illiterat u meta mela l-*proposal forms* huwa ma kienx akkompanjat mill-familjari tieghu, s-socjeta` konvenuta ssostni illi l-impjegata tas-socjeta` konvenuta, Sonia Chircop, kienet spjegat id-domandi lil George Mifud u imliet l-*proposal form* skond ir-risposti li kien taha (ix-xhieda taghha tinsab a fol. 70 tal-process). Illi dina l-Qorti issibha difficli ferm temmen il-verzjoni ta' l-appellanti, meta qeghdin jghidu li minhabba l-fatt li huwa kien illiterat huwa ma fehemx id-domandi li gew mistoqsija lilu.

15. Illi d-dati msemmija fix-xhieda ta' Dr. Buhagiar, li fihom sehhew it-testijiet medici qabel ma mtlew il-*proposal*

*forms,* jikkonducu lil dina l-Qorti sabiex tikkonvinci ruhha illi d-defunt George Mifsud verament heba fatti materjali, fil-gurnata li gew mimlija l- *proposal forms* u ghalhekk tikkondividi dak li gie osservat milll-Ewwel Qorti meta riteniet illi :
“ghalkemm ma’ hemm ebda dubbju li Mifsud kien limitat fejn jirrigwardja livell ta’ edukazzjoni formali, il-Qorti thoss li meta mtliet il-formola huwa kien jaf x’kien qed jirrispondi……Il-Qorti tifhem li f’dak il-perijodu Mifsud ma’ kellux ideja li seta’ kellu marda serja izda l-fatt huwa li ma’ irrispondiex b’mod veritjier meta qal li ma’ kienx qed jircievi attenzjoni medika specjali.”

16. Illi t-tieni aggravju ta' l-atturi appellanti sostanzjalment jillanja li s-socjeta` konvenuta kienet ben konxja ta' l-istat hazin ta’ sahha ta’ George Mifsud u nonostante dan il-fatt hija baqghet taccetta l-*premia* fuq il-poloz ta’ assikurazzjoni minghajr ma kkancellathom fi zmien ragonevoli. Ghandu jinghad illi mill-provi prodotti mill-partijiet jirrizulta b’mod ampju illi s-socjeta’ konvenuta kellha indikazzjoni li George Mifsud ghamel operazzjoni fil-kilwa l-ewwel darba fis-16 ta’ Marzu 1999, meta kien gie ezaminat minn **Dr. Vincent Zammit,** tabib inkarigat mill-istess socjeta` konvenuta, u dan in segwitu tal-mili tat-tielet *proposal form* fl-1 ta’ Ottubru 1998. Hemmhekk irrizulta illi Mifsud kellu operazzjoni fejn tnehhietlu kilwa, pero` skond kif xehed Dr. Zammit (a fol. 152 tal-process), meta staqsa lil George Mifsud x’kienet l-kawza 'l ghaliex kienet tnehhietlu l-kilwa leminija huwa ma kienx jaf ir-raguni u lanqas ma tah dokumenti li jispjegaw 'l ghaliex tnehhiet. Jigifieri, f’dak l-istadju ma jistax jinghad illi is-socjeta` konvenuta kienet taf bil-kundizzjoni medika serja tad-defunt Mifsud, izda f’dak l-istadju is-socjeta` konvenuta kienet inghatat parir mit-Tabib Zammit biex tigbor l-informazzjoni kollha relattiva u biex isiru aktar investigazzjonijiet medici, bl-iskop li s-sitwazzjoni tigi evalwata sewwa u mbaghad tittiehed decizjoni jekk tohrogx il-polza ta' assigurazzjoni mitluba minn Mifsud. In fatti, sad-data tal-mewt ta’ George Mifsud, is-socjeta` konvenuta kienet ghadha ma accettatx formalment l-hrug tat-tielet polza. Irrizulta mill-provi illi s-socjeta` konvenuta bdiet taghmel l-investigazzjonijiet approfonditi taghha

wara l-mewt ta’ George Mifsud, li grat fit-8 ta' Dicembru 1999, senjatament meta hija rceviet ir-rapport mir-Royal Marsden Hospital f’Novembru 2000.

**Jekk it-tielet polza kienetx dahhlet fis-sehh qabel il-mewt ta’ George Mifusd**

17. Dwar is-sottomissjoni ta' l-appellanti illi t-tielet polza kienet dahlet fis-sehh, dina l-Qorti ma tistax tikkondividi dak li sostnew l-atturi appellanti u cioe` illi l-fatt illi s-socjeta` konvenuta kienet accettat il-hlas tal-*premium* minghand l-atturi, kien jimplika l-accettazzjoni tal-proposta jew tar-riskju. Il-fatt biss illi thallas il-*premium* ma jwassalx ghall-prova illi l-kuntratt ta’ assigurazzjoni fuq il-hajja gie konkjuz. Fir-rikors tal-appell l-atturi jirreferu ghall-kawza fl-ismijiet “**Alexandra Sciberras pro. et noe. vs Middlea Sea Valletta Life Assurance Company Limited**” deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta’ Frar 2004 f’liema kawza giet ukoll sollevata l-kwistjoni jekk kienx gie konkluz kuntratt ta’ assigurazzjoni; u saret referenza mis-socjeta` appellata ghal sentenza moghtija mill-Qorti Taljana ta’ Kassazzjoni (numru 6932, 21 ta’ Novembru 1983) riportat fl-opera ta’ Roberto Triola: “Codice Civile, Annotato con la Giurisprudenza, Seconda Edizione, 2002" pagna 1587:

“La circostanza che il sottoscrittore di una proposta di polizza, inoltrata ad una compagnia di assicurazione, versi nelle mani dell’agente di quest’ ultima una somma di denaro a titolo di pagamento del premio, non puo’ assurgere a fatto equipollente all’accettazzione della proposta da parte dell’assicuratore, ai fini del perfezionamento del contratto.”

18. Illi in fatti fil-kawza citata mill-atturi appellanti stess gie deciz illi ma irrizultax illi gie konkjuz kuntratt ta’ assigurazzjoni fuq il-hajja semplicement ghaliex jkun thallas il-*premium*. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-*proposal form,* li George Mifsud issottometta lis-socjeta` konvenuta *fejn* fir-raba’ parti (“IV Declaration”) a fol. 26 tal-process, gie stipulat hekk:

"It is hereby agreed that no risk shall be assumed by the Company until the Company has notified the Life(ves) assured or the Proposer (if other than the Life(ves)

Assured) its acceptance of the proposal during the continued insurability of the Life(ves) Assured as stated in the proposal or declaration.”

19, Illi fir-rigward tal-ewwel zewg poloz, is-socjeta` konvenuta kienet informat bil-miktub lid-defunt George Mifsud dwar l-accettazzjoni taghha ghall-hrug tal-poloz ( zewg ittrri datati t-2 ta’ Mejju 1997 li jinsabu a fol. 18 u 27 tal-process) u certament kienet tadotta l-istess procedura fir-rigward tat-tielet *proposal form* li kieku hija accettat li tohrogha. Illi dina l-Qorti ghalhekk taqbel ma’ dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti illi fir-rigward tat-tielet hekk imsejjha “polza”, it-talba ta' l-atturi ma hija bl-ebda mod gustifikata stante illi din ma gietx formalment accettata mis-socjeta` konvenuta.

20. Wara li hadet in konsiderazzjoni dan kollu, din il-Qorti tirrileva li bhal ma ssostni s-socjeta` konvenuta fir-risposta taghha ghal dan l-appell, iz-zewg aggravji ta’ l-appellanti huma strettament marbuta ma’ l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi akkwiziti fil-process. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, l-ewwel Qorti essenzjalment ghamlet apprezzament gust u korrett tal-provi li hemm fil-process. Ghalhekk certament m’hemmx lok li din il-Qorti tiddisturba l-istess apprezzament ladarba din il-Qorti taqbel sostanzjalment mal-konsiderazzjonijiet u mal-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza tal-14 ta’ Novembru 2005.

21. Ghal dawn il-motivi tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, u tordna li l-ispejjez ta’ din l-istanza jithallsu kollha mill-atturi appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------